



European  
Statistical  
Governance  
Advisory  
Board

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

I-10 ta' Novembru 2014

### Evalwazzjoni bejn il-pari tikkonferma li l-Eurostat huwa uffiċċju tal-istatistika mmexxi sew, iżda li għandu fejn jitjeb

Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) jirrakkomanda modi biex tittejjeb il-konformità tal-Eurostat mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea. L-aħħar rapport annwali tal-Bord wasal fi żmien meta l-istatistika Ewropea qed tintuża dejjem aktar bħala evidenza għal skopijiet tat-tfassil tal-politika kif ukoll biex tipprovdi indikaturi ta' prestazzjoni li awtomatikament jistgħu jwasslu għal konsegwenzi finanzjarji għall-Istati Membri tal-UE. Minħabba li l-istatistika tattira aktar attenzjoni politika, dawk li jipproduċuha jridu jkunu mgħammra aħjar biex jiffaċċaw l-effetti. Fi kliem il-President tal-ESGAB, Thomas Wieser: "It-trasparenza u l-konformità mal-Kodiċi ta' Prattika hija l-aħjar protezzjoni ta' esperti fl-istatistika kontra pressjonijiet politiċi dejjem jikbru."

Ir-Rapport Annwali tal-ESGAB din is-sena jiffoka kompletament fuq il-Eurostat, l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea. Evalwazzjoni bejn il-pari mwettqa mill-ESGAB sabet li s-saħħa tal-Eurostat tinsab fl-istrumenti legali li b'mod ġenerali ġew rinforzati fl-ispirtu tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, b'impenn lejn il-kwalità, il-metodoloġija u forza tax-xogħol bi kwalifiki għoljin.

Ir-rapport jinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw erba' oqsma ewlenin: il-leġiżlazzjoni li tenfasizza l-proċeduri għall-ħatra u t-tkeċċija ta' amministrazzjoni għolja u l-implimentazzjoni tal-arkitettura leġiżlattiva; il-koerenza tal-istatistika Ewropea; it-tixrid u l-komunikazzjoni; u l-koordinazzjoni. Il-Eurostat issa se jieħu azzjoni biex iwassal għal titjib u jiżviluppa strateġiji bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet li huwa jkun qabel li jimplimenta.

L-ESGAB irrakkomanda li l-ħatra tad-Diretturi Ġenerali tal-Eurostat fil-futur għandha tkun ankrata fil-liġi u bbażata fuq il-kompetizzjoni miftuħa, iżda l-fehmiet tal-Eurostat iwarjaw mill-valutazzjoni tal-ESGAB. Il-Kummissjoni Ewropea f'dan ir-rigward hija simili għal bosta amministrazzjonijiet u statuti tas-servizz ċivili fl-Istati Membri u, filwaqt li tirrikonoxxi l-limitazzjonijiet istituzzjonali preżenti, l-ESGAB jistenna li l-Kummissjoni tagħti eżempju tajjeb f'termini ta' konformità tal-Kodiċi.

Evalwazzjonijiet bejn il-pari indipendenti mfassla biex jivvalutaw il-konformità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) mal-Kodiċi ta' Prattika fil-livell nazzjonali qed jiġu mwettqa fi 32 pajjiż (Stati Membri tal-UE u pajjiżi tal-EFTA-ŻEE), għat-tieni darba peress li l-Kodiċi ta' Prattika ġiet stabbilita fl-2005. Dawn l-evalwazzjonijiet bejn il-pari għandhom l-għan li jsaħħu l-kredibilità tal-ESS, li jsaħħu l-kapaċità tagħha li tipproduċi statistika Ewropea kif ukoll li jserrfhu moħħ il-partijiet ikkonċernati dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea u l-affidabbiltà tal-ESS.

Is-sitt rapport annwali tal-ESGAB lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jinkludi sommarju eżekuttiv ta' 4 paġni b'rakkomandazzjonijiet għal titjib fil-konformità mal-Kodiċi, ħarsa ġenerali lejn is-setgħat tal-Eurostat u kwistjonijiet pertinenti li l-Eurostat huwa mitlub jitratta.

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

I-10 ta' Novembru 2014

## Aktar tagħrif

Ir-rapport tal-2014 tal-ESGAB b'sommarju eżekuttiv qasir jinsab fil-paġna ewlenija tal-ESGAB (<http://ec.europa.eu/esgab/>).

## Kuntatt għall-assistenza lill-midja

Bieq tagħmel appuntament għal intervista mal-President tal-ESGAB, is-Sur Thomas Wieser, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-segretarjat tal-ESGAB: Heli Lehtimäki ([estat-esgab@ec.europa.eu](mailto:estat-esgab@ec.europa.eu)), tel. +352 4301-36484.

## Dwar l-ESGAB

Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) twaqqaf fl-2008 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex jagħti ħarsa ġenerali indipendenti lejn l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Ix-xogħol tal-ESGAB għandu l-iskop li jtejjeb l-indipendenza professjonali, l-integrità u r-responsabbiltà tas-Sistema Statistika Ewropea, li huma elementi ewlenin fil-Kodiċi ta' Prattika, kif ukoll itejjeb il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

L-ESGAB fih seba' membri. Xogħlu jinkludi t-tnejn ta' rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika safejn dan ikollu x'jaqsam mal-Kummissjoni (il-Eurostat) u s-Sistema Ewropea tal-Istatistika b'mod ġenerali. L-ESGAB jagħti wkoll pariri lill-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar miżuri xierqa biex jeħfief il-proċess.

## Kunċetti ewlenin

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropew huwa bbażat fuq 15-il prinċipju. L-awtoritajiet tal-governanza u tal-istatistika fl-Unjoni Ewropea jikkommettu ruħhom li jżommu mal-prinċipji tal-Kodiċi li jkopru l-ambjent istituzzjonali, u l-proċessi u l-produzzjoni tal-istatistika. Għal kull prinċipju hemm sett ta' indikaturi ta' prattika tajba li joffri referenza għall-analiżi tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi.

Il-Kodiċi tal-Prattika:

[http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY\\_OFFPUB/10425-MT/MT/10425-MT-MT.PDF](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/10425-MT/MT/10425-MT-MT.PDF)

**Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS):** sħubija bejn l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kummissjoni (il-Eurostat), u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli, f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea (ara [http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/ess\\_eurostat/introduction](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/ess_eurostat/introduction)).